# L-Għar ta' San Martin

## *75 sena ta' Devozzjoni Marjana*





Fl-inħawi ta' San Martin, fit-tarf fejn San Pawl il-Baħar imiss ma l-Imġarr, insibu għar li ħa ismu minn kappella ddedikata lil dan il-qaddis li hemm fil-viċin. Fi żmien imbiegħed dan l-għar kien abitat mit-trogloditi (nies li kienu jgħixu fl-għerien). Fis-Sekli 18 u 19 f'dan l-għar kienu jaħżnu fih ix-xewk, li kien jintuża għal fran tal-ħobż. **75 sena ilu**, fl-1931 l-għar tnaddaf u ġie rranġat f'post ta' devozzjoni Marjana, meta fil-għar tpoġġiet statwa tal-Madonna ta' Lourdes. Din l-istatwa inħadmet minn ċertu Wiġi Muscat fl-1905. Fatt interessanti hu li sa llum ħadd għadu ma jaf min ħadem jew poġġa fil-post l-istatwa ta Santa Bernardina. Fl-1939 Dun Dward Farrugia Bugeja għamel artal fl-Għar ta' San Martin. In-Nobbli Hannibal P. Scicluna, li l-għar kien jinsab fit-territorju tiegħu, kiseb reskritt mill-Vatikan biex tibda ssir il-quddiesa fl-għar. L-ewwel quddiesa ġiet iċċelebrata nhar it-23 ta' Jannar 1952. Fil-21 ta' Ġunju 1960, l-Arcisqof ħatar lil Dun Manwel Attard bħala Rettur ta' l-Għar ta' San Martin, fejn kien iqaddes u jgħallem id-duttrina. Wara l-Knisja għaddiet f'idejn il-Franġiskani Konventwali. Il-Parroċċa organizzat diversi pellegrinaġġi lejn dan iċ-ċentru ta' devozzjoni Marjan. Dawn l-inħawi huma popolari ħafna mal-Maltin li jmorru hemm biex iqattgħu il-ħin tal-mistrieħ tagħhom mal-familji.